31978R0686

7.4.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 93/12

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 686/78
tas-6 ta' April 1978
li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet addizzjonali dwar l-għoti ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq prodotti tas-sajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 100/76 tas-19 ta' Jannar 1976 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti tas-sajd [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2560/77 [2],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 110/76 tad-19 ta' Jannar 1976 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq prodotti tas-sajd u l-kriterji biex ikun iffissat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi nstab li l-prodotti li joriġinaw mill-Komunità jkunu ġew iffriżati u/jew proċessati fuq bastiment li jkun qed itajjar il-bandiera ta' pajjiż li mhux membru; billi dawn il-prodotti jkunu esportati wara li dawn ikunu ġew iffriżati jew proċessati;

Billi l-kondizzjonijiet ekonomiċi li taħthom jitwettqu dawn l-operazzjonijiet huma komparabbli ma' dawk ta' operazzjonijiet li jsiru f'pajjiżi li mhumiex membri, u fejn l-ispejjeż tal-produzzjoni jkunu sostanzjalment irħas milli fil-Komunità; billi l-għoti ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq prodotti iffriżati u/jew proċessati taħt dawn il-kondizzjonijiet iwassal biex dawn il-prodotti jbatu minn żvantaġġ ekonomiku mhux ġustifikat;

Billi il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Prodotti tas-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-għanijiet tas-sistema tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni, il-prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Komunità u li jkunu ġew iffriżati u/jew proċessati fuq bastiment reġistrat f'pajjiż terz, u li jkun qed itajjar bandiera ta' pajjiż terz, għandhom ikunu kunsidrati bħala prodotti li ma joriġinawx mill-Komunità.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 1978.

Dan għandu jkun jgħodd għal esportazzjonijiet li għalihom il-formalitajiet doganali ta' l-esportazzjoni jkunu tlestew b'effett minn din id-data.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' April 1978.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President

---

[1] ĠU L 20, tat-28.1.1976, p. 1.
[2] ĠU L 303, tat-28.11.1977, p. 1.
[3] ĠU L 20, tat-28.1.1976, p. 48